# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 15 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 13/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Bartolo talli fit-28 ta' Jannar, 2001, ghall-habta tal-5.00 pm, f'Hal-Far,

**(1)** saq vettura numru FBD-757 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija;

**(2)** u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

**(3)** kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'alterazzjoni (hgieg skurat u *seat* zejjed) billi kkonverta jew ordna jew gieghel li tigi konvertita l-imsemmija vettura mill-klassi li fiha kienet registrata jew licenzjata ghal xi klassi ohra minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, u/jew ghamel uzu mill-imsemmija vettura bl-imsemmija alterazzjoni;

**(4)** saq l-imsemmija vettura u opera apparat (stereo/radju) b'volum gholi li b'xi mod tellef jew li seta' jtellfu s-smigh tieghu sewwa waqt is-sewqan u li kien ta' inkonvenjent ghal nies ohra fit-triq [u] ghal dawk li joqghodu f'bini fil-qrib minhabba l-hsejjes daqshekk qawwija; u

**(5)** naqas li jipproduci lill-Pulizija l-licenzja tas-sewqan fiz-zmien skond il-ligi;

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna lil Kevin Bartolo sabiex inehhi l-alterazzjoni jew li jezegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghal daqshekk kif jigi stabbilit mill-istess qorti, taht penali ta' ammenda ta' mhux aktar minn zewg liri kulljum fin-nuqqas; dik il-qorti kienet ukoll mitluba li tiskwalifika lill-istess Bartolo milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewan ghal periodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Kevin Bartolo hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundanntu multa (komplessiva) ta' mitejn u hamsin lira (Lm250), kif ukoll skwalifikatu mis-sewqan ghal periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Kevin Bartolo, minnu ppresentat fl-24 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ic-certifikat tat-twelid tal-appellant anness mar-rikors ta' appell; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

L-aggravji tal-appellant huma bazikament tlieta. Fl-ewwel lok huwa jikkontendi li l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reati ipotizzati fir-raba' imputazzjoni u fil-hames imputazzjoni kienet preskritta bit-trapass ta' tlett xhur; fit-tieni lok jilmenta li minhabba zball da parti tal-Pulizija Ezekuttiva meta hargu t-tahrika, li fiha huma indikaw id-data tat-twelid tieghu bhala l-14 ta' April 1982 minflok 1983, l-ewwel qorti ma applikatx l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 kif kellha taghmel in vista ta' l-eta` tieghu fiz-zmien tar-reat; u, fit-tielet lok, jilmenta dwar il-periodu tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan, peress li jikkontendi li ghandu bzonn tali licenzja in konnessjoni max-xoghol tieghu mal-G.C. Film Production Limited.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun. Effettivament mhux biss l-azzjoni fir-rigward tar-**raba'** u tal-**hames** imputazzjoni kienet preskritta, izda anke l-azzjoni fir-rigward tat-**tielet** imputazzjoni. Dawn l-imputazzjonijiet jipotizzaw kollha reati ta' natura kontravvenzjonali, bi preskrizzjoni ta' tlett xhur; u anke jekk il-preskrizzjoni ma gietx eccepita quddiem l-ewwel qorti, fil-kamp penali l-preskrizzjoni hija sollevabbli dejjem *ex officio* (Artikolu 694, Kap. 9). Skond ic-citazzjoni, l-incident *de quo* li ta lok ghad-diversi mputazzjonijiet sehh fit-28 ta' Jannar, 2001; pero` c-citazzjoni harget biss fl-4 ta' Settembru, 2001, u ghalhekk ferm wara li kienu ghaddew it-tlett xhur tal-preskrizzjoni.

Kwantu ghat-tieni aggravju, jirrizulta mill-Att ta' Twelid numru 2435 tad-19 ta' Mejju, 1983 (Dok. KB anness mar-rikors ta' appell) li l-appellant twieled fl-14 ta' April, 1983. Dan ifisser li fit-28 ta' Jannar, 2001 l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena. Konsegwentement kien applikabbli fil-konfront tieghu l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Kjarament l-ewwel qorti, ghal dawk li huma d-delitti ipotizzati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet, riedet tapplika piena pekunjarja ad eskluzjoni ta' dik karcerarja. Ghalhekk b'applikazzjoni ta' l-Artikoli 7(2)(b), 13(1), 17(f), 31(1)(f) u 37 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ser tirriduci l-multa ta' mitejn u hamsin lira inflitta mill-ewwel qorti ghal ammenda komplessiva ta' sebgha w tletin lira (Lm37).

Kwantu ghall-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan, izda, il-ligi ma tipprovdi ghal ebda inzul bi gradi. Id-delitt kontemplat fl-Artikolu 3 tal-Kap. 104 huwa wiehed partikolarment serju, u dan ghal ragunijiet ovvji: f'kaz ta' incident it-terza persuna tista' ssib ruhha minghajr risarciment adegwat minhabba li s-sewwieq ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa it-tielet aggravju ta' l-appellant, izda ma tarax li l-fatt li l-appellant huwa llum impjegat ma' G.C. Film Production Ltd. ghandu jgib bhala konsegwenza li ma jkunx hemm l-iskwalifika mil-licenzja tas-sewqan. Mill-banda l-ohra, anqas ma ghandu l-appellant ibati l-konsegwenzi tal-fatt li l-pulizija ghazlet li ddum sa Settembru biex tressqu quddiem il-qorti, u nel frattemp il-Kummissarju tal-Pulizija lehaq approva l-hrug tal-licenzja tas-sewqan tieghu. Ghaldaqstant f'dan il-kaz hemm "ragunijiet specjali" kif kontemplati fis-subartikolu (2A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 sabiex din il-Qorti tipprovdi "mod iehor" fit-termini ta' l-imsemmi subartikolu.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet minhabba preskrizzjoni; (**b**) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundanntu multa komplessiva ta' mitejn u hamsin lira u fejn skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena, u minflok tikkundanna lill-imsemmi Kevin Bartolo ammenda komplessiva ta' sebgha w tletin lira (Lm37) (pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'sebat (7) ijiem detenzjoni), kif ukoll tiskwalifikah mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghal periodu ta' hames xhur (liema periodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada); u (**c**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.